
IN JE RUSAL



Il-Knisja Qadima
Tal Qabar ta' Kristu
Li fiha jsiru
L-aqwa funzjonijiet
Tal-Ġimgħa l-Kbira
F'Ġerusalem



Ir-Raba' Sena | APRIL - ĠUNJU, 1958 | Għadd 2

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-EMPIRE PRESS, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.





# LEĦEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

Ir-Raba' Sena — AWRIL - ĠUNJU, 1918 — Għadd 2


## X'FIH DAN IL-GĦADD


San Ġużepp (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... ... 33


### L-Ewwel Taqsima — DAWL


Imsejkna "Terra Santa" ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 34
Fejn Miet u Ndifen Ġesù (Ben Jeħuża) ... ... ... ... ... ... ... ... 35
Il-Kotba tat-Testment il-Ġdid (P. Serafin M. Zarb, O.P.) ... ... ... ... ... 39
Ix-Xirka ta' Kumran (D. K. Sant) ... ... ... ... ... ... ... ... 41
San Ġorġ Martri ta' Lidda (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 44
Il-Franġiskani fil-Palestina (Kappillan D. Ġużepp Cauchi) ... ... ... ... ... 47
Is-Sufa (Il-Għarbiel) ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 50


### It-Tieni Taqsima — IMĦABBA


Is-Sawm fi żmien il-Liġi l-Qadima (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... 51
Il-Ġimgħa l-Kbira f'Ġerusalem (Ħanna l-Malti) ... ... ... ... ... ... 52
It-Twaqqif tal-Kummisserija ta' l-Art Imqaddsa f'Malta (P. V. Cardona, O.F.M. 58
Agrapha Christi (Fra Nikol) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 60
Aħbarijiet tal-Palestina ... ... ... ... ... ... ... ... ... 62
Il-Ħatem tal-Kardinal ... ... ... ... ... ... ... ... ... 63
Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... 64


---


Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# SAN ĠUŻEPP



*Ried ikun għani fil-qdusija dak li nħatar minn Alla biex iħares il-Qdusija nfisha: lil Ġesù u 'l Ommu Marija. Ġużeppi ta' Nażaret, mogħbi mill-għajnejn tal-kburin, kien il-Magħżul minn Alla biex jieħu ħsieb l-Iben Waħdani Tiegħu: Il-Verb magħmul bniedem.*

*Milwi fuq il-bank tax-xogħol fil-ħanut ta' Nazaret, Ġużeppi l-mastrudaxxa kien jaħbi fih qdusija kbira. Imma ma satax ma jingħarafx u ma jinħabbx minn dawk li kienu jafuh mill-qrib. Hekk għamel l-Ordni tal-Franġiskani, li lil San Ġużepp sar jafu mill-qrib, meta r-Rħieb tiegħu daħlu fl-Art Imqaddsa u raw b'għajnejhom dawk l-imkejjen li thennew bid-dehra tiegħu. U dak in-nar ta' mħabba lejn San Ġużepp li xtegħel fit-Terra Santa xtered mal-Ordni Franġiskan kollu u mbagħad mad-dinja.*

*L-Ordni tal-Aħwa ż-Żgħar huwa quddiem nett fl-imħabba tiegħu lejn San Ġużepp u fit-tħabbir t'ismu l-imbierek. L-istorku P. Luqa Wadding, O.F.M., kiteb li bis-saħħa tal-Franġiskani tat-Terra Santa, li kienu jiġu lura mix-Xerq, l-imħabba lejn dan il-qaddis xterdet fl-Ewropa. L-Ordni Franġiskan ħabb lil San Ġużepp u fil-Kapitlu Ġenerali li sar f'Assisi fl-1399 il-Franġiskani ħtaru l-ewwel festa f'ġieħu. L-ewwel konfraternita tal-qaddis twaqqfet fl-Oċċident fl-1487, bis-saħħa tal-Bejatu Bernardinu minn Feltra. U meta bdiet iċ-ċaqliqa tal-Osservanza fi ħdan l-Ordni Franġiskan, San Bernardinu minn Siena qiegħed il-Kunventi tiegħu taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp. Il-festa tat-Tieġ ta' San Ġużepp mal-Madonna kienet mgħoddija lill-Franġiskani mill-Papa Pawlu III fl-1537. San Pietru t'Alkantra u San Lejonardu ta' Portu Mawrizju, kienu żewġ kolonni ta' mħabba lejn Ġużeppi ta' Nazaret. Iżda nieqfu hawn, u nżżu ħajr lir-Rħieb Franġiskani tal-Art Imqaddsa li nisslu fl-Ordni tagħhom u fid-dinja mħabba kbira lejn il-Għarus ta' Marija.*

*Issa sa naraw is-sura ta' San Ġużepp tar-Rabat inkurunata. F'dik il-kuruna tinġabar l-imħabba ta' Malta lejn dan il-Qaddis, li l-Papa Piju XII ħatar b'ħarries tal-Ħaddiema. U dik inhar bil-ħsieb nittajru għall-ħanut ta' Nazaret u naraw lil Ġużeppi bil-għaraq nieżel minn ħaddejh. U nsellmulu u ngħidulu: "Sliem għalik, Ġużeppi! Berikna u kun Int il-Mera tagħna!"*